**3 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Cecil Pace *et*

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Tribunal Amministrattiv - Imparzjalita` - Indipendenza**

*Ir-rikorrenti allegaw li l-Att XVII ta' l-1995 b'liema ġie kkreat Bord ta' l-Appell għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw kumpanniji kkontrollati,*

*kien in vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif minnhom allegat. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-liġi tista' tipprovdi li l-awtorita' ġudikanti fir-rigward ta' drittijiet ċivili, tkun tribunal u mhux Qorti fis-sens ristrett tal-kelma. It-tribunal in kwistjoni, kif kostitwit b'liġi, kien jaghti dawk il-garanziji suffiċjenti u idonei dwar l-indipendenza u l-imparzjalita' tieghu u tal-membri tieghu. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda minaċċja ghad-dritt ghas-smigh xieraq kif allegat mill-intimati. In partikolari l-Qorti ssenjalat li l-possibbilita' ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell dwar punti ta' liġi kien jaghti element importanti fil-konklużjoni taghha tan-natura imparzjali u indipendenti ta' dak it-tribunal.*

Il-Qorti:-

It-talba tar-rikorrenti hi li din il-Qorti tiddikjara illi l-provvedimenti ta' l-Att XVII ta' l-1995 li bihom ġew determinati l-Kostituzzjoni u l-Komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell stabbilit biex jiehu konjizzjoni u jiddeċidi l-kawżi li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li naturalment jaqghu fil-parametri tal-kompetenzi moghtija lil dak il-Bord b'dak l-Att stabbilit kienu nulli u bla effett fil-liġi. Din il-Qorti qed tiġi mistiedna sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tas-subinċiż (2) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrenti infatti qed jikkontendu illi minhabba n-natura, il-mod u l-kondizzjonijiet tal-komposizzjoni tal-Bord u tan-nomina tal-membri tieghu "huma ma kinux ser jiġu ġġudikati minn Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni";

Is-sentenza appellata timmerita li tiġi riprodotta tista' tghid fl-

intier tagħha għaliex tagħti mhux biss ir-retroxena ta' fatt li ta lok għall-preżenti vertenza imma ukoll sewwa tanalizza l-punti ta' liġi involuti kemm fid-dawl ta' ġurisprudenza nostrana kif ukoll ta' dik tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja:

"F'din il-Kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tgħid li t-twaqqif tal-Bord ta' l-Appelli taħt l-Att XVII ta' l-1995 ma jiswiex għax ma jħarisx dak li jgħidu l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Portezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ir-rikorrenti fissru li huma azzjonisti, diretturi u kredituri tal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited*, u ta' soċjetajiet assoċjati. Sat-8 ta' Ġunju, 1995 kienu qegħdin jinstemgħu, quddiem il-qrati ta' Malta, aktar minn għoxrin kawża għal danni, miftuħa mir-rikorrenti kontra l-kontrollur li hemm il-lum u dak ta' qablu minħabba "aġir negliġenti, abużiv u illegali tal-kontrolluri fl-amministrazzjoni tal-bank u tal-kumpanniji assoċjati";

Fid-9 ta' Ġunju, 1995 daħal fis-seħħ l-Att XVII ta' l-1995 dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Likwidazzjoni). Bis-saħħa ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att il-kawżi li kienu qegħdin jinstemgħu quddiem il-qrati "u li jkunu kawżi u pretenzjonijiet kontra l-kontrollur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta' dan l-Att" m'għandhomx ikomplu jinstemgħu mill-qrati iżda għandhom jintbagħtu quddiem il-Bord ta' l-Appelli mwaqaf taħt l-Att. L-artikolu 7 (4) u (5) ta' l-Att jgħid kif jinħatru u kif jistgħu jitneħħew il-membri ta' dan il-bord waqt li l-artikolu 8 (1) jagħti lill-bord is-setgħat li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Ir-rikorrenti jgħidu li l-komposizzjoni tal-bord - magħmul minn avukat li jkollu mill-inqas disa' snin ta' prattika, li jkun *Chairman*, u żewġ membri oħra li, fil-fehma tal-Ministru tal-Finanzi, jkollhom il-perizja u esperjenza meħtieġa fil-qasam tal-kummerċ bankarju jew servizzi finanzjarji u li jinħatru għaż-żmien, li ma jkunx aktar minn tliet *snin*, li jgħid il-Ministru fl-ittra tal-ħatra tagħhom - imur kontra l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jrid li kull awtorita' ġudikanti mwaqqfa b'liġi biex taqta' dwar drittijiet u obbligi ċivili għandha tkun "indipendenti u imparzjali". Tikser ukoll l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, li saret parti mil-liġi tagħna bl-Att XIV ta' l-1987;

Ir-rikorrenti jħossu li, minħabba "n-natura, il-mod u l-kondizzjonijiet" tal-ħatra tal-membri tal-bord, u minħabba l-komposizzjoni tal-bord, huma mhumiex sejrin ikunu ġudikati minn Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni. Jgħidu li l-Bord ta' l-Appelli mhuwiex indipendenti u imparzjali billi, fost ħwejjeġ oħra, iċ-*Chairman* u ż-żewġ membri l-oħra ma jgawdux il-protezzjoni sħiħa li għandhom l-Imħallfin taħt il-Kostituzzjoni, l-aktar billi m'għandhomx *security of tenure* li tagħti l-Kostituzzjoni. Għalhekk, tonqos ukoll il-garanzija kostituzzjonali li tħares l-imparzjalita' tagħhom. Barra minn hekk, jgħidu r-rikorrenti, "il-Bord ta' l-Appelli ma jikkwalifikax bħala Qorti u għalhekk tiġi nieqsa ukoll il-garanzija fondamentali għall-proċessi ġudizzjarji";

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tagħmel dak li jidhrilha xieraq biex twettaq, u tara li jitwettqu, l-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja, billi, fost ħwejjeġ oħra, tgħid li huma nulli u ma jiswewx il-kostituzzjoni u komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appelli taħt l-Att

XVII ta' l-1995 sabiex jisma' u jaqta' kawżi li issa qegħdin quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Għal dan ir-rikors, l-intimati Prim'Ministru, Ministru tal-Finanzi u Avukat Ġenerali wieġbu hekk:

Safejn hija magħmula kontra l-Ministru tal-Finanzi, l-azzjoni hija miżmuma bis-saħħa tar-*res iudicata* wara s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet **Cecil Pace *versus* Ministru tal-Finanzi** (Rikors Kostituzzjonali 516/95GV);

Skond l-artikolu 181B tal-Kap. 12, il-Prim Ministru u l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ma jidhrux għall-Gvern f'din il-kawża, għax f'isem il-Gvern jidher biss l-Avukat Ġenerali. F'din il-kawża iżda, l-Avukat Ġenerali huwa mħarrek mhux bħala l-konvenut ewlieni iżda biss "għal kull interess li jista' jkollu". Għalhekk, qalu l-intimati, l-azzjoni hija "proċeduralment monka";

Bla ħsara għal dan kollu, l-intimati komplew ifissru li r-rikorrneti m'għandhomx interess ġuridiku li jressqu t-talbiet tagħhom, qabel xejn, għax l-Att *de quo* għadu ma daħalx fis-seħħ u kif ukoll għax, minħabba f'hekk, għad m'hemm ebda ordni taħt l-Att mill-Bank Ċentrali għall-istralċ ta' xi attiv ikkontrollat li fih għandhom xi interess ir-rikorrenti. Din l-ordni hija meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jinbdew il-proċeduri taħt l-istess Att;

Barra minn hekk, fil-meritu t-talbiet huma infondati u anzi, huma frivoli u vessatorji, għal dawn ir-raġunijiet:

Ir-rikorrenti qegħdin jibnu l-kawża tagħhom fuq dawn iż-żewġ

premessi: (1) illi *ċ-Chairman* u *ż-żewġ membri* l-oħra tal-Bord m'għandhomx l-istess protezzjoni li għandhom l-Imħallfin taħt il-Kostituzzjoni; u (2) illi l-Bord ta' l-Appelli ma jikkwalifikax bħala Qorti;

Kull ma jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja hu li l-Qorti jew *awtorita`* oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi jkunu indipendenti u imparzjali; ma jridux xi mod partikolari kif tkun imħarsa din l-indipendenza. Għalhekk, il-fatt li l-membri tal-Bord m'għandhomx l-istess protezzjoni sħiħa li għandhom l-imħallfin ma jwassalx biex tgħid li hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Il-membri kollha tal-Bord huma marbutin bil-liġi stess li jqisu li jimxu hekk. Barra minn hekk, jinħatru mill-Ministru għal żmien determinat, u, meta jkunu maħtura u qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-ħatra, jistgħu jitneħħew biss fuq parir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja - kummissjoni mwaqqfa taħt il-Kostituzzjoni - għall-istess raġunijiet li għalihom jista' jitneħħa mħallef;

Dwar l-allegazzjoni li l-Bord mhux imparzjali, l-intimati wieġbu li dak li jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja huwa li l-membri tal-Bord ikunu imparzjali kemm oġġettivament kif ukoll suġġettivament. Għalhekk l-intimati ma jistgħux jifhmu kif ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li l-membri tal-Bord mhumiex imparzjali meta dawn il-membri għadhom ma nħatrux, u għalhekk mhumiex magħrufin;

Dwar il-Bord ta' l-Appelli ma jikkwalifikax bħala Qorti, l-intimati osservaw li dan huwa irrilevanti għax il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma jridux bilfors li jkun hemm Qorti, u "*awtorita`* oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi tkun biżżejjed". Barra minn hekk,

ukoll jekk nghidu, ghall-argument, ghalkemm mhux il-każ, li l-Bord ma jaghtix il-garanziji li jridu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-fatt li l-Qrati ta' Malta dejjem żammew is-setgha ta' ġurisdizzjoni biex jerġghu jaraw deċiżjonijiet moghtija minn tribunali mwaqqfa b'liġi jġib illi s-sistema ġudizzjarju ta' Malta xorta jaghti l-garanziji ta' smigh xieraq u aċċess ghall-qrati, kif trid l-oghla liġi;

L-intimat l-iehor, il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta wieġeb li hu m'ghandux *locus standi* u ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-ġudizzju. Bla hsara ghal din l-eċċezzjoni, qal ukoll li l-membri tal-Bord jinhatru skond il-liġi, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu miċhuda;

Waqt is-seduta tat-2 ta' Frar, 1996 il-partijiet qablu li l-leġittimu kontradittur f'din il-kawża huwa l-Avukat Ġenerali wahdu u ghalhekk, wara dan il-qbil bejn il-partijiet, il-Qorti ordnat li l-proċeduri jitkomplew kontra l-Avukat Ġenerali wahdu. M'ghadux mehtieġ, mela li l-Qorti tidhol fl-eċċezzjonijiet dwar il-leġittimita' passiva;

Nibdew, mela, mill-eċċezzjoni ta' *res iudicata*. Din l-eċċezzjoni kienet mahsuba biex tolqot l-azzjoni safejn kienet maghmula kontra l-Ministru tal-Finanzi, u kienet mibnija fuq is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 1996 fil-kawża fl-ismijiet **Cecil Pace *et versus* Ministru tal-Finanzi** (rikors kostituzzjonali numru 516/95GV). It-talba kienet bhal dik maghmula fir-rikors tal-lum; iżda s-sentenza ma kinitx dwar il-meritu tat-talba imma biss dwar l-eċċezzjoni li l-Ministru tal-Finanzi ma kienx leġittimu kontradittur biex jikkontesta t-talba. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u helset lill-Ministru tal-Finanzi mill-harsien tal-ġudizzju. Billi, issa, dan il-

Ministru m'għadux fil-kawż, u m'għadhiex għalhekk rilevanti l-kwistjoni jekk kienx imissu tħarrek, lanqas din l-eċċezzjoni m'għadha meħtieġa deċiżjoni dwarha;

Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni li jmiss ta' l-Avukat Ġenerali, dik li r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jressqu din il-kawża. L-intimat bena din l-eċezzjoni fuq żewġ raġunijiet: (1) għax l-Att XVII ta' l-1995 kien għadu ma daħalx fis-seħħ; u (2) għadu ma nħareġ ebda ordni ta' stralċ ta' xi attiv ikkontrollat li fih għandhom interess ir-rikorrenti. Wara li nbeda s-smigħ tal-kawża, waqt is-seduta tat-2 ta' Frar, 1996, il-partijiet qablu li l-Att XVII ta' l-1995 kien daħal fis-seħħ, iżda kien għadu ma ngħatat ebda ordni għal stralċ bis-saħħa ta' dan l-Att. Għalhekk issa din l-eċċezzjoni rridu narawha fid-dawl tal-fatt li l-Bord ta' l-Appelli għadu ma jistax jibda jisma' l-kawżi li fetħu r-rikorrenti dwar xi attiv ikkontrollat għax qabel ma jista' jagħmel hekk irid ikun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta' l-Att. Dan jgħidu l-artikolu 13 ta' l-att:

"Kull kawża u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u li jkunu kawżi u pretensjonijiet kontra l-Kontrollur ta' attiv ikkontrollat li dwaru jkun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta' dan l-Att, għandhom jiġu ttrasferiti lill-Bord ta' l-Appelli u għandhom jitkomplew jinstemgħu u jkunu deċiżi minn dak il-Bord";

Ir-rikorrent Cecil Pace, meta xehed fit-30 ta' April, 1996, esebixxa lista ta' kawżi (Dok. CP, fol. 26 *et seq*) magħmula mir-rikorrenti kontra l-kontrolluri ta' attiv ikkontrollat li fih għandhom interess l-istess rikorrenti. Dakinhar ukoll l-intimat għamel din l-

istqarrija:

"Illi huwa mhux qed jikkontesta illi xi kawżi li għandhom ir-rikorrenti jistgħu eventwalment jintlaqtu bid-disposizzjonijiet ta' l-Att XVII ta' l-1995, għad li xorta jżomm ferm is-sottomissjoni tiegħu illi l-kawża saret intempestivament";

Għalkemm, għal issa, l-kawżi tar-rikorrenti għadhom ma ntbagħtux quddiem il-Bord, ir-rikorrenti xorta jgħidu li x'aktarx sejjer jinħareġ l-ordni u għalhekk il-kawżi jmorru quddiem il-Bord. Dan hu biżżejjed, jgħidu huma, sabiex ikunu jistgħu jitolbu l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni, li fl-artikolu 46 (1) tagħha, tagħti dritt ta' azzjoni quddiem din il-Qorti lil "kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi, jew **tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha**";

Fis-sitt paragrafu tan-nota tiegħu ta' l-10 ta' Lulju, 1996, l-Avukat Ġenerali fisser li l-Bord ta' l-Appelli hu maħsub biex fih joqogħdu "nies li jkollhom kwalifiki speċjalizzati" u li dan hu "*sine qua non* jekk tassew irridu li ssir ġustizzja". Jekk nassumu, kif għandna nassumu, li l-intimat li qed jidher għall-Gvern ta' Malta, tassew irid li ssir ġustizzja, u jekk, kif jaħsiba hu, huwa meħtieġ *sine qua non* li biex issir il-ġustizzja għandu jinħatar dan il-Bord b'nies speċjalizzati, mela għandna nassumu ukoll li l-Bord sejjer jisma' l-kawżi li nħoloq biex jisma'. Mela "x'aktarx" sejjer jisma' l-kawżi tar-rikorrenti (biex issir ġustizzja f'dawn il-kawżi ukoll);

Mela huwa l-każ li l-Qorti tkompli tisma' din il-kawża, kif mitluba tagħmel mir-rikorrenti, ukoll jekk sa issa għadha ma ngħatat ebda ordni ta' stralċ, u hekk ma ntbagħtet ebda kawża tar-rikorrenti

quddiem il-Bord, għax x'aktarx sejra tingħata din l-ordni, u x'aktarx sejrin jintbagħtu l-kawżi quddiem il-Bord la darba, skond in-natura ta' l-affarijiet, kif jifhimhom l-Avukat Ġenerali, dan huwa meħtieġ *sine qua non* biex issir ġustizzja;

Il-Qorti għalhekk sejra tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess fir-rikorrenti, anzi, meta tqis ir-raġunijiet, mogħtija fuq, għala sejra tiċħad l-eċċezzjoni, taraha iebsa biex tifhem x'wassal lill-Avukat Ġenerali li jressaqha;

Ngħaddu issa għall-meritu tal-każ:

L-ilment tar-rikorrenti huwa mfisser f'dawn iż-żewġ paragrafi tar-rikors tagħhom:

"Illi dan il-Bord ta' l-Appell mhuwiex imparzjali u indipendenti billi fost ħwejjeġ oħra ċ-*Chairman* u ż-żewġ membri l-oħra ma jgawdux l-istess protezzjoni sħiħa li jgawdu l-imħallfin regolari taħt il-Kostituzzjoni u partikolarment m'għandhomx is-*security of tenure* li tagħti l-Kostituzzjoni, u għalhekk tiġi nieqsa ukoll il-garanzija kostituzzjonali li tissalvagwarda l-imparzjalita' tagħhom;

Illi, barra minn hekk, il-Bord ta' Appelli ma jikkwalifikax bħala Qorti u għalhekk tiġi nieqsa ukoll il-garanzija fondamentali għall-proċessi ġudizzjarji";

Kif rajna, l-Avukat Ġenerali wieġeb li kull ma jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja hu li kull awtorita' mwaqqfa b'liġi biex tiġġudika dwar drittijiet u obbligi Ċivili tkun indipendenti u imparzjali, ma jgħidux kif għandhom ikunu mħarsa

dawn l-indipendenza u imparzjalita`, ma jridux li bilfors ikunu mħarsa kif huma mħarsa fil-każ ta' Qorti ppresjeduta minn imħallef;

Dan hu minnu. Li rridu naraw mela, hu jekk il-Bord ta' l-Appelli huwiex tribunal indipendenti u imparzjali, u jekk l-indipendenza u imparzjalita` tiegħu humiex imħarsa, ukoll jekk mhux daqs dawk tal-Qrati;

Indipendenza u imparzjalita` ta' tribunal, għalkemm marbutin ma' xulxin, mhumiex l-istess. L-indipendenza hija kwalita` kemm ta' tribunal, bħala istituzzjoni, kif ukoll tal-membri tiegħu. Biex tribunal bħala istituzzjoni, jitqies indipendenti jrid ikollu s-setgħa li jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu fuq apprezzament awtonomu tal-fatti u tal-liġi li tapplika għall-każ li jkollu quddiemu; ma jkunx indipendenti jekk ikun marbut li joqgħod fuq l-opinjoni ta' xi awtorita` oħra (ara d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' **Beaumartin *versus* Franza**, (A.296-B,1994)). Barra minn hekk, id-deċiżjoni tiegħu trid tkun torbot u ma tistax tinqaleb jekk mhux wara proċedura quddiem tribunal ieħor li jkollu l-istess indipendenza (ara d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Ottubru, 1985 fil-każ ta' **Bentham *versus* l-Olanda** (A.97,1986));

Tribunal ma jitqiesx indipendenti, għax ma jkunux hekk il-membri tiegħu, jekk, għalkemm ikollu s-setgħa legali li jagħmel apprezzament awtonomu u jasal għal deċiżjoni li torbot, il-membri tiegħu jkunu f'posizzjoni ta' suġġizzjoni quddiem waħda mill-partijiet. Dan jista' jiġri jew għax membru tat-tribunal ikun ġerarkikament inferjuri għal waħda mill-partijiet, bħal meta dak il-membru jkun ukoll membru ta' korp organizzat u parti tkun superjur tiegħu f'dak l-istess korp (ara d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Ottubru, 1984 fil-każ ta' **Stramek** *versus* **l-Awstrija** (A.84, 1984)), jista' jiġri ukoll għax parti jkollha s-setgħa tiddeċidi jekk membru tat-tribunal jibqax membru jew le. Il-kriterji li għandek tqis sabiex tara jekk tribunal hux indipendenti f'dan is-sens kienu mfissra mill-Qorti Ewropeja fil-każ ta' **Campbell u Fell** *versus* **ir-Renju Unit** (deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 1984 (A.80,1984)). Il-Qorti qalet hekk:

*"In determining whether a body can be considered to be "independent" - notably of the executive and of the parties to the case - the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence"*;

L-imparzjalita' hija kwalita' tal-membri ta' tribunal, ijed milli kwalita' tat-tribunal innifsu bħala istituzzjoni. Biex tribunal jitqies imparzjali l-membri tiegħu ma jridx ikollhom preġudizzji jew simpatijiet ma' xi parti. L-imparzjalita' ukoll tista' titqies fid-dawl tal-kriterju oġġettiv kif ukoll fid-dawl ta' kriterju soġġettiv, għalkemm tibqa' kwalita' tal-membri tat-tribunal. Dan fissritu l-Qorti Ewropeja fil-każ ta' **Hauschildt** *versus* **id-Danimarka** (deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Mejju, 1989 (A.154,1989)):

*"the existence of impartiality for the purpose of article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect"*;

Kif ġa' għidna, iż-żewġ kriterji ta' imparzjalita' u indipendenza huma marbutin ma' xulxin, fis-sens li jekk membru tat-tribunal m'għandux indipendenza minn xi waħda mill-partijiet, x'aktarx li jitqies ukoll li jkun parzjali favur dik il-parti. Billi, iżda, il-kriterju ta' imparzjalita' jqis l-atteġġjament tal-membri tat-tribunal, biex tara *jekk tribunal huwiex imparzjali trid bilfors tqis tribunal* partikolari, bil-membri individwali tiegħu, li sejjer jisma' każ partikolari. Fil-każ li għandna quddiemna, meta l-membri tat-tribunal għadhom mhumiex magħrufa għax għadhom mhumiex maħturin, ma tistax tgħid jekk humiex sejrin ikunu imparzjali jew le. *Għalhekk, f'din il-kawża tal-lum nistgħu naraw biss jekk it-*tribunal għandux garanziji ta' indipendenza u mhux ukoll jekk il-membri individwali tiegħu humiex imparzjali;

Naraw issa kif jitqies il-Bord ta' l-Appelli fid-dawl tal-kriterju ta' l-indipendenza;

Irridu qabel xejn naraw kif inhu mwaqqaf il-Bord. Dan hu regolat bl-artikolu 7 ta' l-Att XVII ta' l-1995 li jgħid hekk:

"7 (1) Għandu jitwaqqaf għall-għanijiet ta' dan l-Att, Bord li jkun magħruf bħala l-Bord ta' l-Appelli li jkun magħmul minn *Chairman* u minn żewġ membri oħra li jinħatru mill-Ministru.

(2) Qabel ma jibdew jeżerċitaw il-kariga tagħhom, il-membri tal-Bord għandhom jieħdu ġurament quddiem l-Avukat Ġenerali li jeżaminaw u jiddeċidu dwar kull kwistjoni li tiġi lilhom riferita b'kull ekwita' u imparzjalita'.

(3) Iċ-*Chairman* ikun avukat li jkollu mill-inqas tnax-il sena ta' prattika legali.

(4) iż-żewġ membri l-oħra msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu persuni li, fil-fehma tal-Ministru, ikollhom il-perizja u esperjenza meħtieġa fil-kummerċ bankarju jew servizzi finanzjarji.

Il-membri tal-Bord għandhom jiġu maħtura għal dak il-perijodu li jista' jistabbilixxi l-Ministru fl-ittra tal-ħatra tagħhom, liema perijodu ma jkunx aktar minn tliet snin, u jistgħu biss jitneħħew mill-Ministru fuq il-parir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għar-raġuni li jiġi ppruvat li ma jkunux kapaċi jwettqu l-funzjonijiet tal-karika tagħhom sew jekk dan ikun minħabba f'nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali jew kull raġuni oħra li tkun, jew minħabba f'imġiba ħażina li tiġi ppruvata";

Mill-ewwel jidher, mela, li oġġettivament, il-Bord huwa indipendenti. Id-deċiżjonijiet tiegħu jasal għalihom mhux fuq direttivi li jingħatawlu minn xi awtorita' oħra għax il-membri tiegħu huma marbutin bil-liġi "li jeżaminaw u jiddeċidu dwar kull kwistjoni li tiġi lilhom riferita f'kull ekwita' ..." u mhux skond direttivi jew struzzjonijiet li jingħataw minn xi ħadd ieħor;

Iżda l-Bord jgħaddi mit-test l-ieħar ta' indipendenza, dak li jrid li ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tiegħu jħossuhom soġġetti għal xi ħaddieħor. L-aktar li qed tbeżża' lir-rikorrenti hija s-setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi li jagħżel il-perijodu tal-ħatra tal-membri tal-Bord. Kull ma tgħid il-liġi hu li dan il-perijodu ta' ħatra ma jistax ikun aktar minn tliet snin, iżda ma tgħidx l-inqas żmien kemm hu. Għalhekk, qegħdin jibżgħu r-rikorrenti, il-Ministru jista' jaħtar minn ġimgħa għal ġimgħa sakem il-membri jogħġbuh fid-deċiżjonijiet tagħhom u ma jibqax iġedded il-ħatra jekk jagħtu xi deċiżjoni li ma togħġbux. Għalhekk, effettivament,

il-membri ma jkollhom ebda garanzija li sejrin jibqgħu fil-ħatra u jkunu jiddependu għal kollox fuq ir-rieda tal-Ministru;

Għal dan il-biża' tar-rikorrenti, l-Avukat Ġenerali wieġeb hekk:

"Il-membri (tal-Bord) għandhom is-*security of tenure* li hemm bżonn. Assolutament skorrett li tgħid li min ikun maħtur ġudikant irid ikun maħtur sa ma jagħlaq is-sittin jew ħamsa u sittin sena ... l-importanti hu:

(i) li *min* ikun maħtur ikun maħtur għal terminu ta' żmien (u tliet snin instab suffiċjenti - **Zand *versus* Awstrija**);

(ii) li ma jkunx jista' jitneħħa waqt li qed jisma' xi każ";

Billi hawnhekk, qegħdin *inqisu* l-indipendenza tal-membri tal-Bord, u dawn il-membri għadhom ma nħatrux u għalhekk ma nafux kif u għal kemm żmien sejrin jinħatru, nistgħu inqisu biss dawk il-fatturi li l-liġi trid li japplikaw f'kull każ u mhux dawk li jistgħu jinbidlu bejn ħatra u oħra. Nistgħu nagħmlu biss dan għax il-Qorti llum hija *mitluba* li tgħid mhux li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda li l-liġi stess hija ħażina. Għalhekk, għalkemm jista' jiġri li taħt il-liġi *de quo* l-Ministru jaħtar il-membri tal-Bord għal żmien hekk qasir li effettivament ikunu jiddependu minnu biex ikomplu fil-karika tagħhom, billi l-Ministru għadu ma għamilx hekk, ma nistgħux naraw jekk iċ-ċirkostanzi ta' ħatra partikolari humiex tali li jnaqqsu jew iħassru għal kollox l-indipendenza tal-membri tal-Bord;

Wieħed mill-fatturi kostanti li nistgħu nqisuhom għax bilfors ikunu fost iċ-ċirkostanzi ta' kull ħatra huwa l-fatt li l-membri tal-

Bord ma jistgħux jinħatru għal aktar minn tliet snin. Marbut ma' dan hemm ukoll il-proċedura kif jista' jitneħħa membru qabel iż-żmien: it-tneħħija tal-membri mhix imħollija għad-diskrezzjoni tal-Ministru jew ta' xi awtorita' oħra iżda tista' ssir biss "għar-raġuni li jiġi ppruvat li ma jkunux kapaċi jwettqu l-funzjonijiet tal-karika tagħhom sew jekk dan ikun minħabba f'nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali jew kull raġuni oħra li tkun, jew minħabba f'imġiba ħażina li tiġi ppruvata";

Il-fatt li membru ta' tribunal ikun maħtur għal żmien determinat ma jnaqqasx mill-indipendenza tiegħu, anzi, aktar ikun hemm theddida għall-indipendenza tiegħu jekk ikun maħtur għal żmien mhux determinat li jista' jkun terminat minn ħaddieħor. Kif rajna, fil-każ tal-Bord ta' l-Appell, it-tneħħija ta' membru tista' ssir biss għal raġunijiet speċifikati mil-liġi u li jridu jkunu murija li tassew jeżistu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma huwa wisq relevanti t-tul jew qosor taż-żmien determinat tal-ħatra: jekk ngħidu li min jinħatar għal tliet snin ma jkunx inħatar għal żmien twil biżżejjed biex ikun indipendenti, ma jkollniex ngħidu ukoll li min inħatar għal għoxrin sena, iżda għaddewlu sbatax minnhom, u għalhekk fadallu biss tliet snin, ma jkunx fadallu żmien biżżejjed biex ikun indipendenti? Imma jekk ngħidu hekk, ikollna ngħidu ukoll li ħadd, lanqas imħallef, ma jibqa' indipendenti fl-aħħar snin tal-karriera tiegħu;

Li hu rilevanti, mela, mhux daqstant it-tul taż-żmien tal-ħatra, iżda x'effett ikollha fuq ġudikant it-tama li, meta jagħlaq iż-żmien tal-ħatra tiegħu, jerġa' jinħatar mill-ġdid. Aktar milli l-indipendenza, dan jista' jolqot l-imparzjalita' tal-ġudikant, għax fid-deċiżjoni tiegħu jista' jkun immotivat, mhux mill-meritu tal-każ li jkollu quddiemu iżda mill-ħtieġa li jagħti deċiżjoni li togħġob lil min

għandu s-setgħa li jerġa' jaħtru. Iżda ma nistgħux ngħidu, *a priori*, li kull ġudikant li qed jittama li jerġa' jinħatar huwa *ipso facto* parzjali u ppreġudikat; sakemm ma jinġibux provi kuntrarji, ġudikant għandu jitqies li huwa imparzjali (ara d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Ġunju, 1981 fil-każ ta' **Le Compte u oħrajn *versus* il-Belġju** (A.43,1981), u kif jistgħu jinġiebu provi kuntrarji meta l-ġudikant għandna ma nafux min hu? Ma nistgħux mela ngħidu li tiġi li toħloq tribunal u ma teskludix li membru ta' dak it-tribunal jista' jerġa' jinħatar meta jagħlaq iż-żmien tal-ħatra tiegħu ma tagħtix, minħabba f'hekk, garanzija ta' imparzjalita`;

Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti li r-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti stess juru li l-Bord, imwaqqaf taħt l-Att XVII ta' l-1995 mhux tribunal indipendenti u imparzjali;

Fadal issa li naraw l-aħħar ilment tar-rikorrenti; dak li l-Bord ta' l-Appelli "ma jikkwalifikax bħala Qorti";

Huwa minnu li l-Bord ta' l-Appelli mhux "Qorti" iżda dan ma jwassalx għan-nullita` tal-liġi. La l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jridu li deċiżjoni dwar drittijiet ċivili tingħata bilfors minn "Qorti"; għall-Kostituzzjoni hija biżżejjed "awtorita` ... ġudikant imwaqqfa b'liġi" waqt li l-Konvenzjoni trid "tribunal" imwaqqaf b'liġi. Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' **Campbell u Fell *versus* ir-Renju Unit** (deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 1984 (A.80, 1984)), "*the word "tribunal" in article 6 para. 1 is not necessarily to be understood as signifying a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country*". Li huwa meħtieġ huma l-kwalitajiet ta' indipendenza u imparzjalita`, li rajna fuq, u li t-

tribunal jew awtorita' ġudikanti jkunu mwaqqfa b'liġi. Fil-każ tal-lum, il-Bord ta' l-Appelli kien imwaqqaf bis-saħħa ta' Att tal-Parlament. Naturalment, dan ma jfissirx li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati tista' titneħħa billi jitwaqqaf tribunal speċjali għal kull fergħa tal-liġi: fil-każ tal-lum kien rilevanti l-*fattur* li l-ġurisdizzjoni tat-tribunal speċjali hija limitata u f'qasam speċjalizzat ħafna. Jistgħu jgħoddu konsiderazzjonijiet oħra li kieku l-ġurisdizzjoni kienet usa', iżda mhux meħtieġ li nidħlu f'dawn il-konsiderazzjonijiet la darba l-każ tal-lum mhux hekk;

Barra minn hekk, kif qal sewwa l-Avukat Ġenerali, "il-Qrati Maltin dejjem asserew il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirrevedu deċiżjonijiet ta' tribunal imwaqqfa b'liġi";

Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, ukoll meta jitwaqqfu validament tribunal speċjali, xorta tibqa' l-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jaraw li l-liġi titħares;

Biex ma jkun hemm ebda ekwivoku, il-Qorti tħoss li għandha tgħid li, għalkemm taqbel li l-fatt li drittijiet ċivili jkunu determinati minn tribunal flok mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ma jwassalx bilfors u dejjem għall-ksur ta' xi dritt fondamentali, ma *taqbilx* mar-raġunijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali meta dan jimplika li biex tassew issir ġustizzja, għandha tittieħed is-setgħa mill-Qrati u tingħata ġurisdizzjoni minflok lil tribunali mwaqqfa *ad hoc*. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li din is-sentenza m'għandhiex tiftiehem bħala boll ta' approvazzjoni għal dawn il-kummenti ta' l-Avukat Ġenerali, li anzi l-Qorti *tqis* li juru nuqqas kir ta' responsabbilita';

L-Avukat Ġenerali, fir-risposta tiegħu għan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, qal illi hemm ħtieġa ta' nies bi

kwalifiki speċjalizzati "jekk tassew irridu li ssir ġustizzja"; jekk ma jsirx hekk, dejjem kif jaħsibha l-Avukat Ġenerali, ġustizzja ma ssirx għax il-kawżi jkollhom jinstemgħu mill-Qrati u mhux il-każ li "l-imħallfin tagħna huma mimlijin bl-għerf ta' l-*accounts*, tal-*banking* u ta' l-ekonomija". Il-Qorti qieset sew kemm din l-osservazzjoni kif ukoll il-mod kif saret. Mandankollu, la l-imħallfin stess ma qatt kellhom xi illużjoni ta' għerf infinit, u lanqas il-liġi stess, fil-*Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*, ma *tistenna* li jkollhom, iżda flok ħaditilhom l-awtorita` li jiġġudikaw f'materja fejn mhumiex speċjalisti tathom is-setgħa li jaħtru periti biex jgħinuhom b'tagħrif speċjalizzat;

Dan qiegħed jingħad biss biex forsi l-Avukat Ġenerali, uffiċjal pubbliku li ukoll għandu sehem fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u fil-ħarsien ta' l-istituzzjonijiet imwaqqfa għalhekk, jifhem li mhux *sine qua non* sabiex issir ġustizzja li l-kawżi jittieħdu minn quddiem il-Qrati u jintbagħtu quddiem tribunali *ad hoc*. Il-Qrati tagħna dejjem għarfu jagħmlu ġustizzja, ukoll f'materji fejn l-imħallfin li jippresjedu fil-Qrati ma kinux speċjalisti. Għalhekk din il-Qorti tieħu l-okkażjoni biex tistieden lill-Avukat Ġenerali jqis aħjar il-kliem tiegħu qabel ma jixħithom fl-atti;

Wara li għamlet din l-osservazzjoni li saret biss biex turi li ma taqbilx ma' ideat żbaljati, il-Qorti sejra tgħaddi issa biex taqta' din il-kawża, u għar-raġunijiet miġjuba fuq, billi ma ssib ebda *ksur* la ta' l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom";

L-agravju *ta'* l-appellanti hu prinċipalment illi s-sentenza appellata ma kinitx tirrispekkja s-sottomissjonijiet tagħhom in

sostenn tat-talba minnhom magħmula. Huma jsostnu illi quddiem l-Ewwel *Qorti huma* għamlu sottomissjonijiet *estensivi li* fihom ġew invokati l-prinċipji stabbiliti, skond huma, fis-sentenza mogħtija *minn* din il-Qorti fil-kawża **Dottor *Tonio* Azzopardi *et* *vs* Onor. Prim Ministru *et*** deċiża fl-4 ta' Novembru, 1992. Jilmentaw li s-sentenza appellata ma *kkunsidratx* dawn is-sottomissjonijiet u ma għamlet l-ebda referenza għal dik is-sentenza, fil-fehma tagħhom, mill-aktar relevanti. Huma jilmentaw inoltre, illi bil-fatt illi *l-kawżi li* fihom huma kienu diġa` parti kienu ser jiġu ttrasferiti minn quddiem il-Qorti għal quddiem dan il-Bord ta' l-Appell Speċjali, huma ma kienx ser ikollhom l-istess garanzija ta' indipendenza u imparzjalita` "li l-Qrati biss jistgħu jagħtu". Jissottomettu *illi Bord* kompost minn avukat u żewġ membri oħra, bla ebda konoxxenza legali, ma setgħux joffru l-istess garanziji bħall-Qorti. Dan il-Bord allura ma kienx, fil-fehma *tagħhom*, jissodisfa l-vot tal-liġi fir-rigward ta' l-imparzjalita` u indipendenza;

L-aggravju ta' l-appellanti hekk jissokta:

"Is-sentenza appellata fiha diversi enunċjazzjonijiet skorretti tal-prinċipji legali li jirregolaw il-materja u fiha applikazzjoni ħażina tad-dritt għall-fattispeċje tal-każ u għalhekk timmerita li tiġi mħassra. Waħda minnhom hija l-enunċjazzjoni illi l-imparzjalita` hija kwalita` tal-membri tat-Tribunal iżjed milli kwalita` tat-Tribunal innifsu bħala istituzzjoni". Qed jiġi umilment sottomess li dan il-prinċipju huwa skorrett għaliex dak li qed issemmi l-Ewwel *Qorti* huwa l-kriterju soġġettiv iżda mbagħad hemm il-kriterju oġġettiv u dan ma ġiex osservat";

*Minn* dan l-aggravju u mill-fatt li *ma sar* l-ebda appell inċidentali da parti ta' l-intimati, hu ċar illi jonqos biss li din il-

Qorti tinvesti l-meritu tal-preżenti vertenza għaliex dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-eċċezzjonijiet proċedurali ma ġietx ikkontestata u konsegwentement għaddiet in ġudikat. Din il-Qorti allura trid tikkunsidra l-ilment prinċipali tar-rikorrenti illi huma kienu ser jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom għal smigħ xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti jekk tiġi applikata l-liġi li tipprovdi li l-kawżi li fihom kienu parti kellhom jiġu ttrasferiti quddiem dak it-tribunal li kellu jiġi kkostitwit taħt l-Att impunjat u minnu ttrattati u deċiżi. Ir-rikorrenti qegħdin in effetti jimpunjaw dawk l-artikoli tal-liġi li huma jispeċifikaw u li bihom qed jiġi kkostitwit dan il-Bord ta' Appell;

Din il-Qorti *qieset* il-konsiderazzjoni*jiet* ta' l-Ewwel Qorti fid-dawl tal-prinċipji ta' dritt applikabbli għall-meritu kif elaborati fil-ġurisprudenza nostrana u ukoll f'dik tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja u ssib li dawn huma sostanzjalment korretti;

Kif ġa` *aċċennat* jidher ukoll illi l-aggravju tar-rikorrenti hu fis-sens illi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti naqsu li japprezzaw sewwa l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Tonio Azzopardi *et vs* Onor. Prim Ministru *et*** u dwar dan ukoll din il-Qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha;

Il-Qorti *tqis:*

Kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdu illi l-protezzjoni tal-liġi tista' tiġi żgurata, jew billi jkun hemm aċċess għal xi Qorti jew għal xi awtorita` ġudikanti oħra. Infatti l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi *expressis* illi: "Kull Qorti jew awtorita` ġudikanti oħra mwaqqfa b'liġi għad-

deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estinzjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali ..." Mill-banda l-oħra s-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi illi "*In the determination of his civil rights and obligations ... everyone is entitled to a fair and public hearing ... by an independent and impartial tribunal established by law* ..." Iż-żewġ disposizzjonijiet, allura, b'termini tista' tgħid identiċi, anke jekk bi struttura grammatikali u lessika marġinalment differenti, għandhom l-istess tifsira u portata. Interessanti, għall-fini ta' din il-kawża, illi waqt li l-Konvenzjoni titkellem biss minn "*an independent and impartial tribunal established by law*" u hu biss fil-ġurisprudenza Ewropeja li ġie definit li "*Tribunal*" kienet tinkludi kemm il-Qrati kif ukoll awtoritajiet ġudikanti oħra, il-Kostituzzjoni tispeċifika espressament "kull Qorti jew awtorita` ġudikanti mwaqqfa b'liġi";

Minn din l-aħħar konsiderazzjoni joħroġ ċar li l-Kostituzzjoni espressament u ukoll il-Konvenzjoni impliċitament jipprospettaw illi d-determinazjoni tad-drittijiet jew obbligi <u>ċivili</u> tista' ssir kemm minn Qorti vera u proprja kif ukoll minn awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi li allura ma tkunx Qorti. B'dan li, kemm il-Qorti kif ukoll dan it-Tribunal għandhom ikunu imparzjali u indipendenti. Dan iwassal għall-ewwel konstatazzjoni utili għall-konsiderazzjoni ta' l-aggravji ta' l-appellanti illi hu għal kollox leġittimu li l-meritu ċivili li għaliha jipprovdi l-Att XVII ta' l-1995 u li kien ċertament jinvolvi d-determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi ta' l-istess appellanti jiġi ripost fil-ġurisdizzjoni ta' tribunal imwaqqaf b'dik il-liġi u mogħti dik il-kompetenza speċjali. Dana a differenza tal-proċeduri kontra persuna akkużata b'reat kriminali li kellha skond il-Kostituzzjoni - imma mhux daqstant ċar skond il-Konvenzjoni - dritt għal smigħ xieraq "minn <u>Qorti</u> indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi". Disposizzjoni din li teskludi l-possibbilita` f'Malta

li jiġi mwaqqaf Tribunal speċjali għall-fini ta' proċess kriminali;

Stabbilit dan, mhux leġittimu l-aggravju *ta'* l-appellanti li jippretendu illi l-meritu tal-kawżi ċivili li kienu milquta bil-provvedimenti tal-liġi impunjata kellhom <u>neċessarjament</u> jiġu mismugħa minn Qorti. Jistgħu liberament - bħal kull meritu ieħor ta' indole ċivili li jirrigwarda l-eżistenza jew l-estensjoni *ta'* din ix-xorta ta' drittijiet jiġu deċiżi minn "awtorita` oħra ġudikanti" ossia Tribunal sakemm dan ikun imwaqqaf b'liġi u jkun jista' jiġi kkwalifikat bħala "indipendenti u imparzjali". Dan kif jesiġu kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja. Tali awtoritajiet imwaqqfa b'liġi huma mhux biss rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni bħala tribunali ġudikanti imma ukoll il-proċeduri tagħhom huma rregolati kemm fir-rigward tal-pubbliċita` kif ukoll fir-rigward ta' aspetti oħra proċedurali minn dawn iż-żewġ leġislazzjonijiet bażiċi;

Il-meritu ta' din il-kawża allura, jirrisolvi ruħu f'eżami dwar jekk dan it-Tribunal, indubbjment imwaqqaf b'liġi bl-Att nru. XVII ta' l-1995 jistax jitqies jew le li jissodisfa dak il-minimu ta' indipendenza u imparzjalita` li jesiġu kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni. Minimu li mhux neċessarjament jestendi sal-livell applikabbli għall-"Qorti" fejn il-kriterji li jridu jiġu sodisfatti f'dan ir-rigward jistgħu jkunu u fil-fatt huma aktar ibsin u għoljin. Dan anke għar-raġuni mill-aktar valida kif ser jiġi hawn *taħt* espress;

Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni, "awtorita` ġudikanti" imwaqqaf b'liġi biex ikun jista' jikkwalifika bħala tali jeħtieġ li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni ġudizzjarja bil-fakolta` li jiddetermina u jiddeċidi materji li skond dik il-liġi jaqgħu fil-kompetenza tiegħu. Hu korp li jeħtieġ li

jipproċedi skond ir-regoli preċiżi u ben stabbiliti fil-liġi li tikkostitwih u li jiddeċidi skond dawk ir-regoli. Għandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet *li jidhru quddiemu* in kontestazzjoni u d-deċiżjoni tiegħu jeħtieġ allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neċessarjment b'mod finali. Mill-banda l-oħra dan il-korp mhux bilfors - kif ġa' aċċennat - għandu jkun jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja pero' jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristiċi fondamentali assoċjati mal-proċess ġudizzjarju li jkunu jiggarantixxu s-smigħ xieraq *fosthom* dak il-minimu ta' indipendenza u imparzjalita' essenzjali biex juru li mhux biss il-ġustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li jkun qed isir. Dan l-insenjament ġie elaborat mhux biss mill-ġurisprudenza nostrana - kif indikat fis-sentenza tal-Prim'Istanza - imma ukoll *minn dik* tal-Qorti Ewropeja. Issir referenza *inter alia* għal: Sentenza **Belilos** (29 ta' April 1988 Series A No. 132); Sentenza **Sramek** (22 ta' Ottubru, 1984 - series A No. 84); Sentenza **Bentham** (23 ta' Ottubru, 1985 Series A No. 97); Sentenza **De Wilde, Ooms and Versyp - Belgium Vagrancy Case** (18 ta' Ġunju, 1971 - Servies A No. 12); Sentenza **Le Compte** (23 ta' Ġunju, 1981 - Series A No. 43);

Awtorita' ġudikanti titqies li hija indipendenti u konsegwentement tissodisfa dawn ir-rekwiżiti essenzjali skond is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u anke skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni *kwante volte tali attribut* jirriżulta minn eżami tal-mod kif jiġu maħtura l-membri tiegħu, iż-żmien li għalih jiġu maħtura, l-eżistenza ta' garanziji li jassiguraw li l-awtorita' tkun ħielsa minn influwenzi estranei għall-proċess ġudizzjarju u jekk ikun hemm ukoll l-apparenza ta' indipendenza. Dan għaliex, kif ingħad, il-ġustizzja *trid tidher li qed issir* (ara Sentenza **Campbell and Fell** (28 ta' Ġunju, 1984 - Series A No. 80); Sentenza

**Langburger** (22 ta' Ġunju, 1989 - Series A No. 155). Marbut ma' dan ir-rekwiżit ta' l-indipendenza u korollarju essenzjali tiegħu hu l-prinċipju li l-membri li jikkomponu l-awtorita` ġudikanti ma jistgħux jiġu rimossi matul iż-żmien tal-ħatra tagħhom jekk mhux għal raġunijiet gravi espressament stabbiliti fil-liġi u taħt dawk il-garanziji li jassiguraw li r-rimozzjoni tagħhom tkun tista' biss isseħħ għal raġunijiet oġġettivamet marbuta ma' l-inkapaċita` ta' dak il-membru li jespleta l-inkarigu ta' l-uffiċċju tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti Ewropeja ma stabbiliet l-ebda minimu ta' żmien ta' ħatra għalkemm jista' jingħad li anke żmien relattivament qasir ġie kkunsidrat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi sakemm ikunu jokkorru l-kawteli u l-garanziji l-oħra meħtieġa biex jiġi assigurat smigħ xieraq. "*The appointment of members of a prison disciplinary body for terms of three years was described by the (European) Court as "relatively short" but was found acceptable ...*" (Sentenza **Campbell and Fell** (28 ta' Ġunju, 1984 - Series A, No. 80);

L-indipendenza ta' l-awtorita` ġudikanti trid finalment tkun sostnuta u riflessa ukoll bl-imparzjalita` tal-membri tagħha fil-konfront tal-partijiet li jidhru quddiemha. Il-Qorti Ewropeja - kif sewwa nnotat is-sentenza appellata - tadotta kemm il-kriterju soġġettiv ta' nuqqas ta' parzjalita` fil-membri tat-tribunal kif ukoll dak oġġettiv u ċjoe` jekk dawk il-membri setgħux jagħtu dak l-affidament mistenni li jkunu fid-dieher imparzjali b'mod li jispiraw fiduċja fil-pubbliku illi kienu kapaċi u kienu fil-fatt sejrin jassiguraw smigħ xieraq u sentenza ġusta. "*Any judge in respect of whom there is legitimate reason to fear a lack of impartiality must therefore withdraw*" (Sentenza **Delcourt** (17 ta' Jannar, 1970 - Series A. No. 11); Sentenza **Piersack** (1 ta' Ottubru, 1982, Series A No. 52); Sentenza **De Gubber** (26 ta' Ottubru, 1984, Series A, No. 86));

Din il-Qorti rribadiet il-prinċipji bażilari għat-twaqqif ta' awtorita` ġudikanti, essenzjali biex din tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Kostituzzjoni, biex tissottolinea l-korrettezza tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Kif jirriżultaw ukoll korretti l-konsiderazzjonijiet li għamlet fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-fatti speċje tal-każ taħt eżami. M'hemmx lok li dan l-aspett jiġi ulterjorment ittrattat u elaborat u din il-Qorti tista' b'serentia` tagħmel ampja referenza għalihom. Tillimita ruħha għas-segwenti osservazzjonijiet, anke fid-dawl ta' l-aggravji ta' l-appellanti;

L-appellanti f'dan l-appell, jidhru li qegħdin jistrieħu fuq is-sottomissjonijiet li huma għamlu b'referenza għall-konsiderazzjonijiet ta' *din* il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Tonio Azzopardi** ***et vs*** **Onor. Prim Ministru** ***et*** deċiża fl-4 ta' Novembru, 1994. Jinjoraw il-fatt pero` illi l-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza kienu jirrigwardaw biss l-opportunita` u l-korrettezza tan-nomina ta' imħallfin temporanji u jekk tali nomina kinitx tissodisfa jew le r-rekwiżiti tas-subinċiż (2) ta' l-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni. L-appellanti bl-ebda mod ma jistgħu jsibu konfort f'dik is-sentenza li għall-kuntrarju, tikkontjeni konsiderazzjonijiet li jattaljaw għal kollox ma' dawk fuq esposti fir-rigward ta' l-indipendenza u l-imparzjalita` li kien mistenni li jkollha awtorita` ġudikanti. Din il-Qorti tista' infatti serenament tirreferi għall-konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienet għamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'dik is-sentenza u riportati b'approvazzjoni minn din il-Qorti għax dawn jillustraw b'mod konvinċenti l-infondatezza tad-dubbju ta' l-appellanti fir-rigward tal-kostituzzjoni u tal-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell taħt eżami. Dubbju li naturalment fir-rigward tar-rekwiżit ta' l-imparzjalita` soġġettiva, issa li fil-mori ta' dan l-appell sar magħruf min kienu l-persuni li kienu ġew innominati mill-Ministru biex

jikkomponuh, hu limitat għall-fatt illi "l-Membri tal-Bord jafu l-ħatra tagħhom għall-Ministru tal-Finanzi". Dan għaliex fis-sottomissjoni ta' l-appellanti, tali Ministru seta' kien direttament jew indirettament interessat fl-eżitu ta' kawżi li kienu ser jiġu ttrattati quddiem dan il-Bord. Dan kif iddikjarat mill-istess appellanti fil-verbal tas-16 ta' Ġunju, 1997;

Din id-dikjarazzjoni ta' l-appellanti fil-verita` teskludi kull addebitu soġġettiv fuq il-persuna tal-membri issa komponenti t-Tribunal u ma tistax ma titteħidx bħala aċċettazzjoni da parti tagħhom li ma kellhom l-ebda opposizzjoni a priori fir-rigward ta' l-integrita` u ta' l-onesta` tagħhom li jiggarantixxu l-imparzjalita` jirriżulta allura sodisfatt. Element dan li jibqa' dejjem miftuħ għall-iskrutinju ġudizzjarju skond l-operat tat-Tribunal u tal-membri li jikkomponuh meta dan jibda jiffunzjona. L-aggravju ta' l-appellanti, kif issa ċċarat, jidher allura li hu mmotivat mill-preokkupazzjoni ta' possibbli parzjalita` oġġettiva bħala konsegwenza tal-fatt illi l-membri tat-Tribunal huma nnominati mill-Ministru tal-Finanzi u li, f'ċerti każijiet dan l-istess Ministru jista' jkun konvenut f'kawża li fiha l-appellanti jkunu partijiet. Aggravju dan li mhuwiex pero` ġuridikament sostenibbli. Mhux daqstant rilevanti biex tiġi assigurata l-indipendenza u l-imparzjalita` ta' Qorti jew Tribunal liema awtorita` jew min, skond il-liġi - għandu d-dover li jinnomina l-membri komponenti tagħhom. U la l-liġi hi ugwali għal kulħadd, hu mistenni li hemm dejjem il-possibbilita` li dik l-awtorita` jew uffiċjal li taħtar lill-ġudikanti tista' hi stess tadixxi bħala attur quddiem dik il-Qorti jew Tribunal jew tiġi adita biex tidher bħala konvenuta. B'daqshekk dak it-Tribunal jew Qorti ma jsirux anqas indipendenti u imparzjali fid-deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet tagħhom. Li hu invece importanti hu jekk dawk l-organi ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji - skond il-liġi kostituttiva tagħhom - kellhomx

jew le l-ispazju kollu meħtieġ biex jiddeliberaw u jiddeċidu liberament, indipendentement minn kull pressjoni jew influwenza, tiġi minn fejn tiġi, inkluż naturalment mill-awtorita' esekuttiva li tkun skond il-liġi ħatrihom. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' fatt - la mil-liġi kostituttiva tat-tribunal taħt eżami u lanqas *aliunde* - li dan it-tribunal ma kienx ser ikun jista' jopera ħieles minn kull indħil, inġerenza jew influwenza. Anke f'dan ir-rigward id-disposizzjonijiet ta' l-att XVII ta' l-1995 li l-appellanti qed jittantaw li jimpunjaw huma konformi ma' l-insenjament u l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja anke għaliex jirriżulta illi la oġġettivament fit-termini tal-liġi impunjata u lanqas soġġettivament bħala fatt il-membri tat-tribunal bl-ebda mod ma kienu impjegati ta' jew dipendenti mill-*awtorita*' li ħatrithom;

Il-liġi tikkontjeni ukoll dak il-minimu ta' garanzija rikjest fir-rigward tar-rimozzjoni tal-membri tat-Tribunal. Ċertament li mhux meħtieġ illi kull membru ta' awtorita' ġudikanti li ma tkunx Qorti jkollu l-istess livell ta' protezzjoni li l-Kostituzzjoni tagħti fir-rigward tar-rimozzjoni ta' l-imħallfin. Li hu rikjest qabel kollox hu li dawn il-membri tat-tribunali ma jkunux *jistgħu*, waqt iż-żmien li għalih ikunu ġew maħtura, jiġu arbitrarjament imneħħija minn min ikun ħatarhom. Infatti l-liġi *de quo* tistabbilixxi l-prinċipju illi membru tat-tribunal ma jistax jiġi rimoss tul il-ħatra tiegħu u b'eċċezzjoni tipprovdi li dan jista' jsir biss f'każ ta' inkapaċita' li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Deċiżjoni din li ma tħallitx fl-arbitrju tal-Ministru li jeħodha imma li l-liġi tesiġi li l-istess Ministru jista' jieħu biss fil-każ li jkollu l-parir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Jista' biss allura jaġixxi fuq dak il-parir. Kummissjoni Kostituzzjonali taħt il-Presidenza tal-President tar-Repubblika li l-indipendenza tagħha mhux ikkontestata;

Sewwa li jiġi ssottolinejat - kif ukoll ġustament irrilevat l-Ewwel Qorti - illi l-liġi stess tikkontjeni s-salvagwardja ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' dritt. Dan jiggarantixxi l-applikazzjoni korretta tal-liġi għall-fatti tal-każ kif interpretata mill-ogħla organu ġudizzjarju tal-pajjiż. Li jfisser li l-operat tal-Bord ta' l-Appell hu soġġett għall-iskrutinju tal-Qorti ta' l-Appell mhux biss fir-rigward tal-liġi sostantiva applikabbli fil-meritu imma ukoll tal-liġi proċedurali li tirregola s-smigħ tal-kawża b'mod li jiġi assigurat smigħ ġust u xieraq - *due process*. Dan apparti l-aspett ġenerali ta' kontroll mill-Qrati ordinarji li dejjem asserew il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirrevedu deċiżjonijiet ta' tribunali mwaqqfa b'liġi fil-parametri lilhom konsentit ta' investigazzjoni dwar ir-regolarita' tal-proċeduri u mingħajr ma jissindikaw il-meritu tal-każ fejn dan kien bil-liġi vestit fil-kompetenza speċjali tat-tribunal taħt eżami;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm bżonn approfondiment ulterjuri ta' l-aggravji ta' l-appellanti li għandhom isibu ampja risposta kemm f'dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll f'dawk ġustament magħmula fis-sentenza appellata. Aggravji li kienu ovvjament ispirati mill-premessa żbaljata illi l-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni fuq materja ta' dritt ċivili kellhom neċessarjament isiru minn Qorti meta l-Kostituzzjoni espressament tipprospetta li dan seta' jsir ukoll minn awtorita' ġudikanti. Hi l-fehma ta' din il-Qorti - bħal ma kienet dik ta' l-Ewwel Qorti li d-disposizzjonijiet ikkontestati fl-Att XVII ta' l-1995 indikati fir-rikors promotur jissodisfaw pjenament il-prinċipji kostituzzjonali għal smigħ ġust u xieraq u bl-ebda mod ma jilledu jew jipperikolaw li jilledu dan id-dritt fondamentali sanċit kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja;

Fir-rikors promotur - imma mhux fl-aggravju ta' l-appell - l-appellanti donnhom jilmentaw mill-fatt illi bħala konsegwenza tal-liġi minnhom impunjata, kawżi li huma diġa' pendenti quddiem il-Qorti ordinarja kienu ser jiġu ttrasferiti quddiem il-Bord ta' l-Appell issa mwaqaf biex jiġu minnu mismugħa u deċiżi. Fuq dan l-aspett l-appellanti ma elaborawx ħlief biex jissottomettu illi bħala konsegwenza huma kienu ser jiġu issa ġġudikati minn tribunal li ma kienx imparzjali u indipendenti. Huma ssottomettew li allura ma kinux ser jiġu ġġudikati minn "Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni". Huma ma jallegaw l-ebda leżjoni ta' dritt fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jew taħt l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni jew taħt xi artikolu ieħor ta' dawn il-liġijiet <u>bil-fatt biss</u> tat-trasferiment ta' kawża diġa' fil-konjizzjoni ta' Qorti għal quddiem il-Bord ta' l-Appell;

Għamlet sew allura l-Ewwel Qorti li ġustament u korrettement injorat dan l-aspett tal-premessi ta' l-appellanti fir-rikors promotur. L-istess għandha u ser tagħmel din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi u għal dawk ikkonsidrati mill-Ewwel Qorti l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.